# CARLO ACUTIS

Fil-knisja ttellgħet wirja dwar il-ħajja ta' Carlo Acutis. Il-wirja fetħet nhar it-Tlieta li għaddiet u se tibqa' miftuħa sad-19 tax-xahar.



Il-Beatu Carlo miet fl-età żgħira ta' ħmistax-il sena. Nhar it-Tlieta li għaddiet kellna l-opportunità li nassistu għall-messaġġ awdjoviżiv li ommu Antonia bagħtet apposta lill-komunità parrokkjali tagħna.

Fil-messaġġ tagħha omm il-Beatu Carlo tkellmet fuq binha u l-ħajja tiegħu. Fost l-oħrajn darba minnhom Antonia qalet lil binha li xtaqet tieħdu jżur il-Belt Imqaddsa ta' Ġerusalemm, biex hemmhekk huwa jara l-postijiet Imqaddsa marbutin ma' Ġesù. It-tifel wieġeb lil ommu li huwa kien qisu jmur Ġerusalemm kull darba li jmur għall-kwiet jitkellem ma' Ġesù quddiem it-tabernaklu.

Fil-messaġġ tagħha, Antonia qalet li ħafna drabi aħna ngħixu qisna mexjin fuq żewġ linji li qatt ma jiltaqgħu flimkien; il-linja tal-ispiritwalità u l-linja tal-ħajja ta' kuljum. Il-fidi tagħna rridu ngħixuha fl-impenn tagħna ta' kuljum.

Antonia qalet li ħajjitna rridu nxappuha b'dak li kien jagħmel Carlo matul il-ħajja qasira tiegħu: L-Ewkaristija (tqarbin u adorazzjoni), il-Kelma t'Alla, ir-Rużarju Mqaddes u l-Karità.

Nirringrazzjaw lil Mons. Salv Muscat li organizza l-wirja, lil Joe Muscat, Karistu Camilleri, Dun Reuben Micallef u Leli Grech li għenu. Grazzi wkoll lill-Kunsill Lokali li kkollabora għal din l-attività ta' kultura reliġjuża.

***L-Arċipriet***

## KRISTU RE:

**GĦAT-TFAL:** nhar il-Ħamis li ġej, 17 ta' Novembru, it-tfal tal-Years 4, 5 u 6 se jkollhom ċelebrazzjoni speċjali għalihom fil-knisja ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija. Il-mezzi tat-trasport jitilqu minn fejn iċ-Ċentru Parrokkjali fit-3:30pm.

**STEDINA SPEĊJALI:** nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru, fil-knisja tax-Xewkija se ssir ċelebrazzjoni speċjali fl-4:00pm. L-Isqof jixtieq jiltaqa' ma' dawk kollha li jaħdmu u jieħdu sehem fil-gruppi tal-parroċċi. Mill-parroċċa tagħna se jkollna t-trasport provdut. Nitilqu minn ħdejn l-Uffiċċju Parrokkjali fit-3.30pm. Biex kulħadd ikun moqdi sewwa, nitolbukom tiġu tħallu isimkom fl-Uffiċċju Parrokkjali, jekk se tużaw it-trasport provdut mill-parroċċa.

## AVVIŻI:

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru, fis-5:45pm, fil-knisja. Fiha Dun Roberto Gauci, Direttur taċ-Ċentru Eikon, se jkellimna dwar is-simoliżmi fuq il-qabar il-ġdid ta' Dun Mikiel Attard f'Ta' Pinu. Kulħadd mistieden. Tkun imxandra wkoll fuq *Mnarjalive.*

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA: tavża** li nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru se żżur iċ-Ċittadella. Wara jkun hemm waqfa għall-kafè fuq is-sur. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza quddiesa għall-membri u benefatturi tal-Għaqda nhar il-Ħamis li ġej, 17 ta' Novembru fil-kappella ta' Kenuna fis-7:00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** għal-Leġjunarji mejtin, nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru fl-4:00pm.

**KWARANTURI:** nitolbu lil dawk iż-żelaturi li s-soltu jiġbru għall-Kwaranturi, biex jekk għadhom ma ħarġux jiġbru, jagħmlu dan fil-jiem li ġejjin.

**ĠABRA GĦALL-MISSJONI:** il-ġabra għall-missjoni fil-parroċċa laħqet is-somma sabiħa ta' €9,125.93. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li għandhom daqshekk għal qalbhom il-promozzjoni tal-bniedem u x-xewqa li Kristu jkun magħruf u maħbub mid-dinja kollha.

**IL-KALENDARJU 2023:** bħalissa qegħdin inqassmu l-kalendarju tal-parroċċa, li dis-sena jsellem lil diversi kategoriji ta' persuni li jservu fil-komunità u fil-pajjiż. Il-kalendarju jagħti tagħrif dwar il-ħajja tal-Knisja u l-Liturġija. Jekk intom ma għandkomx kopja minħabba li xħin ġew iż-żelaturi ma sabukomx id-dar, tistgħu takkwistaw kopja mill-Uffiċċju Parrokkjali. Nissuġġerulkom li tibagħtu kopja anke lill-qraba u ħbieb tagħkom li jinsabu msefrin.

**L-IRĦAM TAL-OQBRA:** ħafna persuni jagħżlu li jgħattu l-oqbra fiċ-ċimiterji bi rħam u monument. Il-parroċċa taċċetta dan. Hemm xi regolamenti li jridu jiġu rispettati dwar l-għamla, id-daqs u l-arti tal-istess oqbra. Għall-ġid tagħkom stess, nissuġġerulkom li xħin tordnaw il-monument li jmur mal-lapida, ma jkunx ta' tali daqs li mbagħad jagħmilha diffiċli ħafna biex it-tebut jinżel bid-dekor u r-rispett. Is-suġġeriment ta' min jifhem f'dan il-mestjier huwa li l-bażi tal-monument tkun dejqa kemm jista' jkun.

**KORREZZJONI:** in-nar tal-festa ta' San Koronatu ħadet ħsiebu l-Għaqda tan-Nar 29 ta' Ġunju. It-tagħrif kif deher fil-bullettin ta' qabel dan, kien żbaljat.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am